MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 212/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Miruzzi)**

**Vs**
Jacques Cassar

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18 t'April, 2004 fl-inhawi ta' Haz-Zabbar, ghall-habta tas-2.30 p.m. waqt stagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar:**
**1) garr, kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u/jew munizzjoni jew xi mezz iehor biex jikkaccja jew jiehu ghasafar;**
**2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 3 tal-Kap. 66 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 t’Ottubru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati ta’ kif akkuzat, u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum fuq l-ewwel akkuza w rigward it-tieni akkuza kkundannatu ghall-hlas ta’ hamsin lira Maltin (LM50) multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 t’Ottubru, 2004, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appelllata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni w taghha kkundannatu hamsin lira Maltin (LM50) bhala multa, tirrevokaha fil-bqija taghha billi tiddikjara jew li l-ewwel imputazzjoni bhala assorbita fit-tieni imputazzjoni w kwindi ma tapplika ebda kundanna fir-rigward ta’ l-istess imputazzjoni, jew, alternattivament, billi tiddikjarah mhux hati tal-istess l-ewwel imputazzjoni w konsegwentement tilliberah minn kull htija w piena skond il-ligi fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Illi l-aggravji tal-appellant fis-sustanza jikkonsistu filli :- 1. jekk wiehed jinterpreta l-ewwel imputazzjoni fis-sens biss ta’ pussess ta’ arma intiza ghal kacca waqt stagun maghluq ghall-kacca , tali imputazzjoni kellha tigi kunsidrata bhala assorbita fit-tieni imputazzjoni billi taht din l-imputazzjoni , l-appellant kien qed jonqos milli jhares il-kondizzjoni tal-licenzja tieghu . Ghalhekk l-appellant imessu gie kundannat ghal multa li fil-fatt gie kundannat ihallas u ma messux instab hati taht l-ewwel imputazzjoni w liberat taht il-kondizzjoini li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur; 2 jekk mill-banda l-ohra wiehed jinterpreta l-ewwel imputazzjoni fis-sens li l-appellant kellu fil-pussess/taht il-kontroll is-senter bil-hsieb li bih jikkaccja jew jiehu ghasafar allura mill-fatti rizultanti , l-appellant ma seta’ qatt jinstab hati ta’ din l-imputazzjoni.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u li minnha jidher li hu kien gja instab hati b' sentenza tad-29 t' Ottubru, 2001 talli fit-18 t' Ottubru, 2001 kien fil-pussess ta' senter Beretta u tlitt skratax minghajr ma kellu licenzja ghall-kacca tal-ghasafar u dan bi ksur tal-artikolu 2(1) tal-A.L. 145/1993 u tal-artikolu 7 (1) tal-A.L.146/1993 u aktar talli kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 3 (1A) tal-Kap.66.**

**Rat il-verbal ta' Dr. Albert Libreri ghall-appellant li bih iddikjara li l-appellant ma kienx qed jkkontesta t-tieni akkuza;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**ikkonsidrat.**

**Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-assorbiment tal-ewwel imputazzjoni fit-tieni imputazzjoni. Illi hu ovvju li l-appellant qed jirreferi ghall-konkors formali jew idejali li, ghalkemm il-ligi taghna ma ssemmiehx espressament , il-Qrati taghna dejjem accettaw u applikaw fil-prattika. Hu ormai principju stabilit li fejn l-istess fatt , rizultanti mill-istess u l-unika intenzjoni kriminali, jaghti lok ghall-ksur jew vjolazzjoni ta' diversi dispozizzjonijiet tal-ligi, ma jkunx hemm diversi reati distinti minn xulxin izda biss reat wiehed , bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi. (Ara Appelli Kriminali :** "Camilleri vs. Cilia et." **[2.12.1839];** "Il-Pulizija vs. Cachia" **[10.12.1939]; "**Il-Pulizija vs. Pace**" [28.1.1939] u ohrajn.) .**

**Issa l-fatt li ta lok ghal din il-prosekuzzjoni kien wiehed uniku w cioe' li fit-18 t' April, 2004 ghall-habta**

**tas-2.30 p.m. fil-vettura Pajero numru LAF 715 msakkra tal-appellant , instab senter mhux ikkargat u fl-pocket tieghu w sitta w tletin skartocc gol-luggage booth li kien imsakkar u dana f' jum tal-Hadd , wara li kien skada l-hin ghall-kacca fis-siegha ta' wara ' nofsinhar. Il-car kienet ipparkjata barra rixtellu ta' ghalqa fejn kien hemm irgiel , tfal u xi mara jieklu w jilghabu , li fosthom u maghhom kien hemm l-appellant . B' rizultat ta' din is-sejba, l-Prosekuzzjoni pprocediet kontra l-appellant biz-zewg imputazzjonijiet fuq imsemmija. L-ewwel wahda li waqt stagun maghluq garr jew kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u munizzjon w t-tieni wahda li <u>fl-istess data, lok , hin u cirkostanzi</u> bhala pussessur ta' licenzja , naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f' dik il-licenzja.**

**Illi minn dan jidher li f' dan il-kaz jista' jkun hemm l-elementi kollha li trid il-gurisprudenza biex japplika l-principju tal-assorbiment meta minn fatt wiehed w uniku johorgu zewg reati w dan stante l-konkors formali ezistenti bejn iz-zewg reati li bihom gie akkuzat l-appellant.**

**Issa biex wiehed jiddetermina liema hu r-reat li jrid jigi assorbit fir-reat l-aktar gravi , trid bil-fors tigi ezaminata l-piena applikabbli ghaz-zewg reati. Izda meta din il-Qorti giet biex taghmel dan l-ezercizzju sabet diffikulta' ghaliex l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma ccitatax ir-Regolament jew regolamenti rilevanti fl-Avviz Legali 146/1993 , kif sussegwentement emendat li tahtu sabet htija fuq l-ewwel imputazzjoni , izda ccitat biss l-artikolu 22 tal-Kap. 446 (li mhux l-artikolu li johloq ir-reat) kif ukoll ma ccitatax is-sub-inciz relattiv tal-artikolu 3 tal-Kap.66 li tahtu nstabet htija dwar it-tieni imputazzjoni. Dan in-nuqqas , apparti li jimporta n-nullita' tas-sentenza ai termini tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, johloq ostakolu prattiku biex din il-Qorti tiddetermina liema hu r-reat l-aktar gravi u dan ghaliex l-artikolu 3 tal-Kap. 66 fis-subincizi (1) u l-proviso tieghu u fis-sub-inciz (1A) jipprovdi ghall-pieni**

**kompletament differenti minn xulxin . Di fatti is-sub-inciz (1) jipprovdi ghall-piena karcerarja ta’ minn tlitt xhur sa tlitt snin, pero’ fil-proviso jahseb ghall-piena ta’ multa ta’ mhux inqas minn tletin lira u jew prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn tlitt xhur , jew dik il-multa w prigunerija flimkien , filwaqt li fis-sub-inciz (1A) il-piena hija dik ta’ prigunerija minn xaharejn sa sentejn. L-istess bil-fatt li ma gewx citati r-regolamenti tal-Avviz Legali 146/1993 kif emendat, din il-Qorti ma tistax tistabilixxi x’ kellha tkun il-piena ghar-reat kontenut fl-ewwel imputazzjoni. Di piu’ lanqas gie citat is-sub-inciz relattiv tar-Regolament 25 li tahtu hija kontemplata l-piena – meta hemm differenza enormi fil-piena bejn persuna li tinstab hatja tal-ewwel reat u persuna li tinstab hatja ta’ t-tieni reat jew aktar (fattur li jista’ talvolta jassumi certa rilevanza f’ dan il-kaz partikolari tenut kont tal-fedina penali tal-appellant). Ghalhekk ma jistax isehh il-paragun mehtieg ghal fini tal-assorbiment li talvolta seta’ jkun applikabbli f’ dan il-kaz minnhabba l-konkors formali tar-reati kif fuq intqal.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti m’ghandhiex alternattiva ohra hlief li tannulla s-sentenza appellata, w peress li c-citazzjoni korretta tal-artikolu jew artikoli bis-sub-incizi jew proviso relattivi w tar-regolamenti tal-ligi bis-sub-incizi taghhom jista’ jkollha effett fuq l-aggravju tal-konkors formali bejn ir-reati w kwindi fuq il-piena li setghet tigi inflitta mill-Ewwel Qorti , u biex ma tipprivax lill-partijiet u partikolarment lill-appellant mill-beneficcju tad-“doppio esame” , qed tirrinvija l-atti tal-process lill-Ewwel Qorti biex terga’ tiddeciedi il-kawza skond il-ligi, bl-applikazzjoni tal-artikoli w regolamenti, komprizi s-sub-incizi taghhom, rilevanti w applikabbli ghall-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------